# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ottubru 2024**

**Nru: 4**

**Rikors Nru. 686/2022**

## Logic International Limited

## v

## Mark Anthony Camilleri

**Fil-qosor**

1. Skont l-artikolu 258 tal-Kap. 12, it-titoli esekuttivi jistgħu jiġu esegwiti fi żmien terminu prefiss. F'każ li t-tali terminu jkun għadda, jeħtieġ li l-kreditur jingħata awtorizzazzjoni mill-qorti qabel ma' jkun jista' jesegwixxi t-titolu esekuttiv tiegħu.

2. F'din il-kawża, is-soċjetà rikorrenti Logic International Limited (is-'soċjetà rikorrenti' jew Logic') qiegħda titlob li tingħata t-tali awtorizzazzjoni.

**Rikors**

3. It-talba tagħha hija msejsa fuq dawn il-premessi:-

   i. Illi s-soċjeta rikorrenti u l-intimat kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 21 ta' Lulju, 2011 fl-atti tan-Nutar Elaine Farrugia (anness mar-rikors), fejn l-intimat kkostitwixxa ruħu bħala vera, ċert u likwidu debitur tas-soċjeta rikorrenti fis-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, mitejn u ħamsin ewro (€47,250);

   ii. Illi t-terminu konċess għar-rifużjoni ta' din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet skont kif pattwit flimkien mal-istess kuntratt skada, u l-intimat baqa kostantement inadempjenti fir-rigward tal-obbligi emerġenti mill-kuntratt de quo fil-konfront tas-soċjeta rikorrenti, b'dan illi huwa sal-ġurnata ta' llum qagħdu mhux jonora il-pagamenti u baqa inadempjenti;

   iii. Illi s-soċjeta rikorrenti għandha interess li tesegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmi li hu titolu eżekuttiv (art. 253 (b) tal-Kap. 12), però billi għaddew aktar minn tliet snin minn dakinhar li seta' jiġi eżegwit, kellu jiġi intavolat dan ir-rikors skont ma jipprovdi l-artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12;

   iv. Għaldaqstant, is-soċjeta rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha sabiex tkun tista' tesegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 21 ta' Lulju, 2011 fl-atti tan-Nutar Elaine Farrugia anness mar-rikors;

   v. U dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din il-Qorti;

   vi. Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri minn issa kontra l-intimat.

4. Fir-risposta tiegħu, l-intimat Mark Anthony Camilleri wieġeb:-

   i. Illi filwaqt li l-esponenti jikkonferma li l-partijiet iffirmaw bejniethom kostituzzjoni ta' debitu, l-ammont li qed jigi kkontestat huwa infondat kemm fil-fatt ukoll fid-dritt;

   ii. Illi propju nhar is-26 ta' Marzu 2014, l-esponenti hallas is-somma ta' Disat Elef Ewro lis-socjeta attrici permezz ta' bank draft mahrug mill-Bank of Valletta u li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. A;

   iii. Illi l-esponenti hallas ukoll is-somma ta' Elf Euro €1,000 lis-socjeta attrici liema pagament sar bi flus kontanti;

   iv. Illi ta' min jghid, li haga tal-iskantament ftit wara li gie intavolat dan ir-rikors ir-rapprezentant tas-socjeta attrici u cioe ma John Abela kumbinazzjoni ltaqa mal-esponenti fejn tkellmu dwar dan il-kostituzzjoni ta' debitu;

   v. Illi wara din il-laqgha ghall-gharrieda, l-partijiet ftehmu li jiltaqghu fl-ufficju tas-socjeta attrici liema laqgha saret nhar il- 28 ta' Settembru 2022 fid-9:00;

   vi. Illi ta' min jghid li dan ir-rikors kien ta' sorpriza, ghala-esponenti stante li meta l-partijiet iltaqghu fl-ufficju tas-socjeta attrici, il-konvenut staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta attrici u cioe John Abela jekk kienx intavola kawza fil-konfront tieghu, b'dan tal-ahhar wiegeb fin-negattiv;

   vii. Illi fl-istess laqgha tat-28 ta' Settembru, il-partijiet qablu bejniethom li l-esponenti ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' ghoxrin Elf Euro €20,000 u din il-vertenza tinghalaq.

**Fatti**

5. Is-soċjetà rikorrenti biegħet numru ta' *pallets* ta' *energy drink* lis-soċjetà Dynamic Logistic Solutions Limited ('Dynamic'). Dynamic kellha tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont dovut għat-tali merkanzija sat-30 ta' Ottubru 2011; fin-nuqqas, Logic kellha l-

jedd li ddur kontra l-intimat, Mark Anthony Camilleri, li obbliga ruħu li jagħmel tajjeb għall-ħlas imsemmi, bħala garanti.[1]

6. Bejn Lulju u Awwissu 2010, Dynamic ħarġet numru ta' ċekkijiet favur is-soċjetà rikorrenti għas-somma ta' €37,800.[2]

7. Sussegwentement, Logic u l-intimat iffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' garanzija solidali. F'dan il-kuntratt, ippubblikat min-Nutar Dottor Elaine Farrugia fil-21 ta' Lulju 2011 (il-'Kuntratt'),[3] l-intimat obbliga ruħu li jħallas u jirrestitwixxi s-somma ta' €47,250 lis-soċjetà rikorrenti f'każ li Dynamic ma tħallasx sal-31 ta' Ottubru 2011, bl-imgħax dekorribbli bir-rata ta' 8% mit-30 ta' Ġunju 2010. Bħala garanzija ta' dan il-ħlas, l-intimat ikkostitwixxa ipoteka ġenerali fuq ġidu kollu, preżenti u futuri.

8. Fl-1 ta' Awwissu 2022, Logic ippreżentat rikors imsejjes fuq l-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12, b'talba sabiex il-qorti trendi l-Kuntratt esegwibbli wara li għadda t-terminu preskritt fl-istess artikolu.

9. Fir-risposta tiegħu tat-30 ta' Marzu 2023,[4] l-intimat ikkonferma li l-partijiet iffirmaw il-Kuntratt. Madanakollu, huwa eċċepixxa li l-ammont dovut m'għadux ta' €47,250. Dan għaliex fis-26 ta' Marzu 2014 huwa ħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €9,000 permezz ta' *bank draft*.[5] Apparti dan huwa ħallas €1,000 lis-soċjetà rikorrenti fi flus kontanti. Dan ma jiġix miċħud mis-soċjetà rikorrenti. Infatti, ż-żewġ pagamenti msemmija jidhru li ġew imnaqqsa mid-dejn tal-intimat hekk kif ġie indikat fl-istatements esibiti minn Zak Abela,[6] il-manager ta' Logic, fix-xhieda tiegħu.

10. L-intimat jallega wkoll li fit-28 ta' Settembru 2022, il-partijiet kienu qablu li Mark Anthony Camilleri għandu jħallas biss is-somma ta' €20,000.[7] Madanakollu l-ebda prova ma ġiet prodotta mill-intimat in sostenn ta' dan, jew biex jattakka jew ixejjen l-istatements

[1] Ara l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' garanzija solidali (11040/2011) ippubblikat min-Nutar Elaine Farrugia, fil-21 ta' Lulju 2011, f'paġni 2-4.
[2] Is-sitt ċekkijiet ġew esibiti f'paġni 36-37.
[3] Ara l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' garanzija solidali (11040/2011) ippubblikat min-Nutar Elaine Farrugia, fil-21 ta' Lulju 2011, f'paġni 2-4.
[4] Ara r-risposta tal-intimat, Mark Anthony Camilleri, f'paġni 13-15.
[5] Ara paġna 15.
[6] Ara l-istatements datati s-27 ta' Ottubru 2023, esibiti minn Zak Abela u mmarkati bħala 'ZA1', f'paġni 34 u 35.
[7] Ara r-risposta tal-intimat, Mark Anthony Camilleri, f'paġni 13-15.

ippreżentanti minn Logic. Għalhekk, il-Qorti sejra tistrieħ fuq il-Kuntratt u l-istatements esibiti mill-manager ta' Logic, bħala prova tad-dejn eżistenti.

**Prinċipji Legali**

11. Skont l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12, huma titolu esekuttivi:-

> il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt.

12. F'każ li jkunu għaddew ħames snin minn dakinhar li fih seta' jiġi esegwit dan it-titolu esekuttiv, l-esekuzzjoni tiegħu teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-qorti, li tista' tingħata wara li ssir talba b'rikors quddiem il-qorti kompetenti skont l-art. 258, u wara li r-rikorrent jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut. Barra li tikkonferma li ngħata dan il-ġurament, il-qorti għandha taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tat-titolu esekuttiv, li għadda t-terminu prefiss mil-liġi minn meta dak it-titolu seta' jiġi esegwit kontra d-debitur intimat, u li l-kreditur jew rappreżentant tiegħu jikkonferma b'ġurament ix-xorta tad-dejn u l-fatt li dan jew parti minnu għadu dovut.[8]

**Analiżi**

13. F'dan il-każ, il-Kuntratt ġie ppubblikat min-Nutar Elaine Farrugia, u jikkonċerna "dejn ċert, likwidu u li għalaq." Infatti fil-Kuntratt, il-partijiet qablu li s-somma ta' €47,250 tikkostitwixxi debitu "veru, ċert u likwidu." Skont il-Kuntratt, id-dejn kellu jitħallas sal-31 ta' Ottubru 2011, u għalhekk id-dejn illum definittivament għalaq. Dan ifisser li l-Kuntratt jikkostitwixxi titolu esekuttiv skont l-artikolu 253(b) tal-Kap.12.

14. Peress li l-intimat kellu sal-31 ta' Ottubru 2011 biex iħallas id-dejn, it-titolu esekuttiv seta' jiġi esegwit mill-1 ta' Novembru 2011. Ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti ġie ppreżentat fl-1 ta' Awwissu 2022, jiġifieri ferm wara li għadda t-terminu ta' ħames snin li fih it-tali titolu esekuttiv seta' jiġi esegwit skont l-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12. B'hekk jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dan it-titolu esekuttiv jiġi ravvivat.

---

[8] Ara, fost oħrajn, *Bank of Valletta plc v. Multi Investments Limited*, Qorti tal-Appell, deċiża 31 ta' Mejju, 2012; *Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika miżżewġin Ciantar*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 12 ta' April 2012.

15. B'hekk il-Qorti hija sodisfatta li t-titolu esekuttiv tassew jeżisti u li għadda t-terminu prefiss mil-liġi minn meta dak it-titolu seta' jiġi esegwit kontra l-intimat. Id-dejn li għadu dovut għall-bejgħ tal-merkanzija lil Dynamic ġie kkonfermat minn rappreżentant ta' Logic, Zak Abela, fix-xhieda tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2023. F'din is-seduta, ix-xhud esebixxa żewġ statements; waħda li tindika d-dejn tal-intimat mingħajr imgħax – liem dejn jammonta għal €36,397.56.[9] Fl-istatement l-oħra ġie kkalkulat id-dejn tal-intimat inkluż l-imgħax dovut skont il-Kuntratt mit-30 ta' Ġunju 2010 sas-27 ta' Ottubru 2023, li b'kollox, skont l-istatement, jammonta għal €106,895.26.[10]

16. F'dan il-każ, l-intimat m'huwiex jikkontesta li parti mid-dejn għadu dovut. B'hekk ġie sodisfatt li għad hemm ħlas dovut u li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti.

17. Fid-dawl ta' dan jirriżulta li t-talba dedotta fir-rikors hija skont l-artikolu 258 tal-Kap. 12.

**Parti deċiżiva**

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti, u qiegħda tawtorizzaha sabiex tesegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' garanzija solidali datat il-21 ta' Lulju 2011,[11] fuq id-dejn li għadu dovut mill-intimat, inkluż kwalsiasi imgħax dekorribbli skont l-istess Kuntratt.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat.

Henri Mizzi
Imħallef

[9] Ara l-istatement datata s-27 ta' Ottubru 2023, esibita minn Zak Abela, immarkata 'ZA1' għall-ammont ta' €36,397.56, f'paġna 35.
[10] Ara l-istatement datata s-27 ta' Ottubru 2023, esibita minn Zak Abela, immarkata 'ZA1' għall-ammont ta' €106,895.26, f'paġna 34.
[11] Ara l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' garanzija solidali (11040/2011) ippubblikat min-Nutar Elaine Farrugia, fil-21 ta' Lulju 2011, f'paġni 2-4.

Tristan Duca
Deputat Reġistratur